

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Latvija](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Latvija

Latvija



Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn il-qrati speċjalizzati fil-Latvija.

Qrati speċjalizzati

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvija

Skont il-[Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvija](#) (*Latvijas Republikas Satversme*, minn hawn 'il quddiem "il-Kostituzzjoni"), il-Latvija għandha Qorti Kostituzzjonali (*Satversmes tiesa*), li hija istituzzjoni ġudizzjarja indipendenti li teżamina jekk, fil-kawżi li jaqgħu taħt il-ġuriżdiżzjoni tagħha, il-liġijiet u r-regolamenti humiex konformi mal-Kostituzzjoni, u tikkunsidra wkoll kawżi oħra assenjati lilha mil-liġi. Il-Qorti Kostituzzjonali tista' tiddikjara nulli u bla effett liġijiet u atti legali oħra jew partijiet minnhom.

Skont l-Artikolu 16 tal-[Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali](#) (*Satversmes tiesas likums*), il-Qorti Kostituzzjonali tikkunsidra kawżi li jikkonċernaw:

1. il-kostituzzjonalità tal-liġijiet;
2. il-kostituzzjonalità ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mil-Latvija (anke qabel ma daww il-ftehimiet jiġu approvati mill-Parlament (*Saeima*));
3. il-konformità tal-liġijiet u tar-regolamenti jew ta' partijiet minnhom mar-regoli ta' liġi ta' grad ogħla;
4. il-konformità mal-liġi ta' atti oħra tal-Parlament, tal-Kabinett, tal-President, tal-Ispeaker tal-Parlament jew tal-Prim Ministru (minbarra atti amministrattivi);
5. il-konformità mal-liġi ta' ordnijiet li permezz tagħhom Ministru mogħti s-setgħa mill-Kabinett ikun issospenda d-deċiżjonijiet ta' kunsill lokali;
6. il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali Latvjana ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mil-Latvija li ma humiex inkompatibbli mal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali tikkonsisti f'seba' mħallfin li jiġu approvati minn maġġoranza tal-Membri tal-Parlament (tal-inqas 51 vot). Tlieta mill-imħallfin jiġu approvati fuq proposta ta' mill-inqas 10 Membri tal-Parlament, tnejn jiġu approvati fuq proposta tal-Kabinett, u tnejn oħra fuq proposta ta' seduta tal-Qorti Suprema kollha. Il-kandidati proposti mill-Qorti Suprema jridu jintgħażlu minn fost l-imħallfin tal-Latvija.

Il-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tibda proċedimenti *ex officio*; hija tikkunsidra l-kawżi biss fuq rikors mill-persuni awtorizzati jagħmlu dan bil-liġi.

Dawn li ġejjin għandhom dritt iressqu rikors promotur dwar il-kostituzzjonalità ta' liġijiet u ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mil-Latvija (anke qabel ma daww il-ftehimiet jiġu approvati mill-Parlament), jew il-konformità tal-liġijiet u r-regolamenti jew ta' partijiet minnhom ma' regoli ta' liġi ta' grad ogħla, jew il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali Latvjana ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mil-Latvija li ma humiex inkompatibbli mal-Kostituzzjoni:

1. il-President;
2. il-Parlament;
3. mhux inqas minn għoxrin Membru tal-Parlament;
4. il-Kabinett;

5. il-Prosekutur Ġenerali;
6. il-Kunsill tal-Uffiċċju tal-Awditur tal-Gvern (*Valsts kontroles padome*);
7. kunsill lokali;
8. l-Ombudsman (*tiesībsargs*), jekk l-istituzzjoni jew l-uffiċjal li jkun ħareġ l-att ikkontestat ma jkunx ikkoreġa in-nuqqasijiet identifikati sal-iskadenza stabbilita mill-Ombudsman;
9. qorti li tkun qed teżamina kawża ċivili, kriminali jew amministrattiva;
10. imħallf f'uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet meta tkun qed issir ir-reġistrazzjoni ta' propjetà immobbli u d-drittijiet relatati fir-reġistru tal-artijiet;
11. kull persuna li ssofri ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha skont il-Kostituzzjoni;
12. il-Kunsill għall-Ġudikatura, fil-mandat mogħti lill-bil-liġi.

Dawn li ġejjin għandhom dritt iressqu rikors promotur dwar il-konformità mal-liġi ta' atti oħra tal-Parlament, tal-Kabinett, tal-President, tal-Ispeaker tal-Parlament jew tal-Prim Ministru (minbarra atti amministrattivi):

1. il-President;
2. il-Parlament;
3. mhux inqas minn għoxrin Membru tal-Parlament;
4. il-Kabinett;
5. il-Kunsill għall-Ġudikatura, fil-mandat mogħti lill-bil-liġi.

F'każ fejn Ministru mogħti s-setgħa mill-Kabinett ikun issospenda b'ordni d-deċiżjonijiet ta' kunsill lokali, huwa dak il-kunsill lokali li għandu l-jedd li jressaq rikors promotur fir-rigward tal-konformità ta' dik l-ordni mal-liġi.

Il-kawżi dwar il-kostituzzjonalità tal-liġijiet, ir-regolamenti tal-Kabinett u atti oħrajn tal-Kabinett, il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali Latvjana ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mil-Latvja li jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni, u l-kostituzzjonalità ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mil-Latvja (anke qabel ma daww il-ftehimiet jiġu approvati mill-Parlament) u l-liġijiet jew ir-regolamenti jew partijiet minnhom jiġu kkunsidrati mill-Qorti Kostituzzjonali f'seduta plenarja. Kawżi oħrajn jinstemgħu minn bord kompost minn tliet imħallfin, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddeċidix mod ieħor.

Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija finali u tidħol fis-seħħ malli tinqata'. Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u l-interpretazzjoni mogħtija fiha ta' dispożizzjoni kkontestata torbot lill-korpi ċentrali u lokali tal-gvern (inkluż il-qorti) u l-uffiċjali kollha, u lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Dispożizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali tkun iddikjarat inkompatibbli ma' regola tal-liġi ta' grad ogħla titqies nulla b'effett mid-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddeċidix mod ieħor. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tqis li ftehim internazzjonali ffirmat jew konkluż mil-Latvja jmur kontra l-Kostituzzjoni, il-Kabinett huwa obligat jieħu passi minnufih biex il-ftehim jiġi emendat u denunzjat, biex il-funzjonament tiegħu jiġi sospiż jew biex tiġi rtirata l-adeżjoni mal-ftehim.

Il-Qorti Ekonomika

Il-Qorti Ekonomika (*Ekonomisko lietu tiesa*) ġiet stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar is-setgħa ġudizzjarja (*Likums par tiesu varu*), biex tisma' l-kawżi hekk imsemmija fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (*Civilprocesa likums*) u fil-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali (*Kriminālprocesa likums*). Din tinsab f'Riga u għandha ġurisdizzjoni fuq it-territorju kollu tal-Latvja.

Skont id-dritt ċivili, il-Qorti Ekonomika għandha ġurisdizzjoni fuq:

1. talbiet li jirriżultaw minn kuntratti ta' riassigurazzjoni;
2. talbiet li jirriżultaw minn servizzi ta' investment u minn kuntratti ta' servizzi ta' investment anċillari;
3. talbiet għall-protezzjoni tal-investment minn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea kontra l-awtoritajiet Latvjani;
4. talbiet li jirriżultaw mir-relazzjonijiet legali ta' gruppi korporattivi;
5. talbiet li jirriżultaw mir-relazzjonijiet legali bejn il-membri (jew azzjonisti) ta' kumpaniji b'ishma konġunti;
6. talbiet li jirriżultaw minn arranġamenti ta' kollateral finanzjarju;
7. talbiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet kapitali ma' partijiet relatati skont it-tifsira tal-Liġi Kummerċjali (*Komerclikums*) u tal-Liġi dwar is-suq tal-istrumenti finanzjarji (*Finanšu instrumentu tirgus likums*);
8. talbiet li jirriżultaw mit-trasferiment ta' imprezi u mir-ristrutturar korporattiv, esklużi talbiet minn impjegati;

9. talbiet li jirriżultaw minn obbligi kuntrattwali bejn il-ħaddiema tal-kostruzzjoni, inklużi s-sottokuntratturi, fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' kwalunkwe bini tal-klassi tnejn jew tlieta li għalih ikun meħtieġ permess għall-bini, minbarra bini residenzjali ta' familja waħda jew tnejn u l-istrutturi funzjonali konnessi magħhom;
10. talbiet li jirriżultaw minn ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni;
11. talbiet li jirriżultaw minn deċiżjonijiet minn laqgħat ta' membri (jew azzjonisti) fi strutturi kapitali; u
12. rikorsi għall-istralċ u l-insolvenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

Fl-istess ħin, skont id-dritt kriminali, il-Qorti Ekonomika għandha ġuriżdizzjoni fuq:

1. il-finanzjament tal-produzzjoni, tal-ħżin, tal-moviment, tal-użu jew tad-distribuzzjoni tal-armi ta' qerda massiva, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 73.1(2) tal-Liġi Kriminali (*Krimināllikums*);
2. it-terroriżmu, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 79.2(2) tal-Liġi Kriminali;
3. il-ħasil tar-rikavat mill-kriminalità (l-Artikolu 195 tal-Liġi Kriminali);
4. l-aċċettazzjoni mhux awtorizzata ta' benefiċċji, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mit-tieni, it-tielet jew ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 198 tal-Liġi Kriminali;
5. it-tixħim kummerċjali, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 199(2) tal-Liġi Kriminali;
6. l-aċċettazzjoni ta' tixħim, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mit-tielet jew ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 320 tal-Liġi Kriminali;
7. l-aċċettazzjoni ta' tixħim, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mit-tieni, it-tielet jew ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 321 tal-Liġi Kriminali;
8. l-intermedjazzjoni fit-tixħim, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 322(2) tal-Liġi Kriminali;
9. it-tixħim attiv, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mit-tieni jew it-tielet paragrafu tal-Artikolu 323 tal-Liġi Kriminali;
10. l-abbuż mill-influenza, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 326.1(2) tal-Liġi Kriminali;
11. it-talba u l-aċċettazzjoni illegali ta' benefiċċji, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 326.2(2) tal-Liġi Kriminali; u
12. l-għoti illegali ta' benefiċċji, meta r-responsabbiltà għal dan tirriżulta mill-Artikolu 326.3(2) tal-Liġi Kriminali.

L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ekonomika jinstemgħu mill-Qorti Reġjonali ta' Riga (*Rīgas apgabaltiesa*).

Bażijiet tad-*data* legali

L-isem u l-URL tal-bażi tad-*data*

[Kawżi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali \(funzjoni ta' tiftix\)](#)

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess huwa mingħajr ħlas.

Il-kontenut tal-bażi tad-*data* fil-qosor

Il-bażi tad-*data* fiha sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja.

Sfond

L-interfaċċa tat-tiftix tal-bażi tad-*data* u s-sentenzi huma disponibbli bil-Latvjan u bl-Ingliż.

Links

[Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Latvja](#)

■ L-aħħar aġġornament: 27/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.